MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 676/2012

**Pauline Debono (karta ta'identita' numru 676160M)**
**vs**

**Yanies Zammit (Karta ta' identita' numru 185582M) u Rita Zammit (Karta ta' identita' numru 124959M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Pauline Debono tal-5 ta'Lulju 2012 li taqra hekk:

*"Illi kif jidher mill-iskrittura tal-11 ta' Settembru, 2002 (Dok A) l-intimata Yanies Zammit ikkostitwixxiet ruha vera certa u likwida debitrici ta' Madame X Limited fl-ammont ta' Lm6,000, ekwivalenti ghal €13,976.24, li tirraprezenta self brevi manu maghmul mill-imsemmija socjeta' lill-intimata Yanies Zammit ghal uzu kummercjali biex tghammar hanut, liema sommna l-intimata obbligat ruha li thallas lura lill-imsemmija socjeta' fi zmien hames snin*

*mid-data tal-iskrittura u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess skrittura;*
*Illi bi skrittura tad-9 ta' Awwissu, 2007 (Dok B) is-socjeta' Madame X Limited cediet u assenjat lir-rikorrenti il-kreditu li hija kellha kontra 1-intimata Yanies Zammit skont l-iskrittura tal-11 ta' Settembru, 2002;*

*Illi b'att pubbliku tat-3 ta' Settembru, 2007 (Dok C) 1-intimata Rita Zammit dahlet garanti a favur tar-rikorrenti ghad-dejn tal-intimata Yanies Zammit versu ir-rikorrenti, u dan kif jidher ahjar mill-istess att pubbliku;*

*Illi b'ittra ufficjali tas-26 ta' April, 2012 (Dok D) ir-rikorrenti bhala cessjonarja tas-socjeta' Madame X Limited interpellat lill-intimati biex ihallsu s-somma ta' €12,159.33 rapprezentanti bilanc tal-ammont originarjament misluf lill-intimata skont l-iskrittura tal-11 ta' Settembru, 2002 (Dok A) , u cedut minn Madame X Limited lir-rikorrenti skont l-iskrittura tad-9 ta' Awwissu, 2007 (Dok B) , u garantit mill-intimata Rita Zammit skont l-att pubbliku tat-3 ta' Settembru, 2007 (Dok C);*

*Illi l-intimati irrifjutaw li jhallsu lir-rikorrenti;*

*Illi ir-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett li, prevja id-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, dina 1-Onorabbli Qorti joghobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-*

*1. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' €12,159.33 dovuta minnhom lilha kif fuq spejgat.*

*Bl-imghax tat-3% dekorribbli mill-11 ta' Settembru, 2007 a tenur tal-iskrittura tal-11 ta' Settembru, 2002, u bl- ispejjez komprizi tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April, 2012.*

*L-intimati huma ingunti ghas-subizzioni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li  l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati l-intimati skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smiegh tal-kawza;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata Yanies Zammit tat-3 t'Awwissu 2012 li taqra hekk:

*1. "Fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(d) u (e) tal-Kap.16;*

*2. Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m'ghandha l-ebda relazzjoni giuridika ma' l-attrici stante illi l-attrici naqset illi tottempora ruhha mal-provvediment ta' l-artikolu 1471 tal-Kap. 16 u ghalhekk m'hijiex il-legittimu kontradittur ta' l-attrici;*

*3. Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-iskrittura  tal-hdax (11) ta' Settembru elfejn u tnejn (2002) hija simulata u ghaldaqstant, monka;*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat illi l-intimata Rita Zammit baqghat kontumaci ;

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 2013 illi bih il-Qorti akkordat lil Rita Zammit terminu ta' sitt (6) sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet;

Rat illi Rita Zammit baqghet inadempjenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Din id-decizjoni tirrigwarda eccezzjoni preliminari ghar-rigward ta' preskrizzjoni u nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn Yanies Zammit u l-attrici stante li l-attrici naqset milli tinnotifika l-assenjazzjoni ta' debitu lill-intimati skond l-Artikolu 1471 tal-Kapitolu 16.

Irid jinghad f'dan l-istadju li Rita Zammit baqghat kontumaci f'dawn il-proceduri.

L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-intimata Yanies Zammit, hija fis-sens li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(d) (e) tal-Kapitolu 16. Dawn jiddisponu illi :

***"l-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghhu bi preskrizzjoni b'eghluq ta' hames snin:***

***omissis***

***(d) l-azzjonijiet ghal hlas t'imghaxijiet ta' somom mehuda b'self jew taht titolu iehor u in generali, ta' dak kollu li jithallas bis-sena, jew kull tant zmien iehor aqsar minn sena;***

***(e) l-azzjonijiet ghar-radd ta' flus moghtija b'self, jekk is-self ma jirrizultax minn att pubbliku"***

Illi di piu l-preskrizzjoni tinkiser ai termini ta' Artikolu 2133 tal-Kapitolu 16:

***"Jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."***

In oltre ai termini tal-Artikolu 2134 tal-Kapitolu 16 il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur innifsu, jew minn wiehed li jkun jidher ghalih.

Jirrizulta mill-provi illil-attrici kienet direttrici tal-Kumpanijja Madame X Limited,u kienet silfet sitt elef u sit tmitt lira Maltija (Lm6,600) lill-intimata Yanies Zammit (neputija taghha) biex tkun tista' topera hanut. Dawn il-flus kienu intiza ghall-*stock*,makkinarju u l-apparat tal-istess hanut.

Twettaq kostituzzjoni ta' debitu, cioe' Dok. A a fol 4 tal-process. Dan il-kostituzzjoni ta' debitu sar f'isem l-attrici ghan-nom tas-socjeta' Madame X Limited. Sussegwentement is-socjeta' Madame X Limited assenjat id-debitu lil Pauline Debono f'isimha proprio, u dan fid-9 t'Awwissu 2007, vide Dok.B a fol 5 tal-process.

Ghal dan id-debitu dahlet l-intimata Rita Zammit bhala garanti, favur il-kreditu moghti lil bintha Yanies Zammit – vide Dok. C fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja.

L-attrici xhedet illi l-ahhar pagament sar fis-sena 2004 u ezebiet Dok. PD2 a fol 53. Il-kitba fuq dan id-dokument huwa ta' Rita Zammit.

Pauline Debono xhedet ili kien hemm diversi okkazjonijiet fejn Yanies Zammit kif ukoll Rita Zammit gharfu li Yanies Zammit kellha dejn maghha (cioe' ma Pauline Debono), u dana meta ltaqghu il-bahar Birzebbugia fis-Sajf ta' 2011 – vide fol 42, kif ukoll fis-sena 2011 meta ltaqghet maghha il-Qorti.

L-attrici xhedet illi hija kienet tkellmet ma ohtha Rita Zammit diversi drabi dwar dan id-dejn u din tal-ahhar kienet dejjem titlob lil attrici taghti lil Yanies Zammit aktar cans u biex ma tipprocediex kontra taghha legalment - vide fol 41 sa 43.

Fis-sena 2009 Pauline Debono xhedet illi kienet ltaqghet ma Rita Zammit fejn il-knisja meta kienet fil-prezenza ta' Michelle Chircop, u rega sar id-diskors fuq dawn il-flus, u kien hemm dizgwit bejniethom tant li gew imkeccija mill-hanut.

Ghaldaqstant jidher illi:

1. L-kostituzzjoni ta' debitu sar 11 ta' Settembru 2002;

2. L-ahhar pagament minn Yanies sar fis-19 ta' Lulju 2004 – a fol 53;
3. L-garanzija saret fit-3 t'Awwissu 2007;
4. Ic-cessjoni u l-assenjazzjoni ta' debitu 9 t'Awwissu 2007
5. U saru rikonixximent ta' debitu mill-intimati fis-Sajf ta' 2009 u 2011.

Illi fis-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick** deciza fid-**9 ta' Frar 2005**, dik il-Qorti irriteniet:

***"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il- hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl- accounts; Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil- gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat."***

Illi ghaldaqstant jidher stabbilit mill-provi illi l-azzjoni m'hijiex preskritta.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni li tirrigwarda l-eccezzjoni rigward ic-cessjoni u l-assenjament ta' debitu, irid jinghad illi l-ligi tesigi li id-debitur ghandu jjigi mgharraf b'att gudizzjarju mic-cessjonarju innifsu jew mic-cedent. Infatti l-Artikolu 1471 tal-Kapitolu 16 jipprovdi:

***"Iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita ljeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet imgħarrfa liddebitur b'att ġudizzjarju, miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent"***

Ic-cessjoni giet notifikata lill-intimati permezz t'ittra ufficjali fl-4 ta' Mejju 2012,- vide Dok. D1 fol 13 sa 15. In oltre fid-29 ta' Mejju 2012 l-intimati irrispondew ghall-ittra ufficjali kif jidher minn fol 16. Ghaldaqstant ir-rekwiziti dettati mill-Artikolu 1471 tal-Kapitolu 16 gew sodisfatti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tqis illi l-azzjoni odjerna m'hijiex kolpita bi preskrizzjoni u in oltre ic-cessjoni giet debitament notifikata lill-intimati ai termini tal-Artikolu 1471 tal-Kapitolu 16.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-ewwel zewg eccezzjonjiet preliminari tal-intimati, u tordna il-kontinwazzjoni tal-kawza.

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------